**12 ta' Diċembru, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Maġġur Peter Cordina

*versus*

Raymond Aquilina

**Spoll – Azzjoni ta' Spoll**

*Azzjoni ta' Spoll. Utili u interessanti l-insenjamenti taż-żewġ Qrati kif ukoll ir-rassenja ta' Ġurisprudenza.*

*Ġiet ikkonfermata s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u l-konvenut ġie ordnat li jirrintegra lill-attur fil-pussess tal-fond "de quo".*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur ippreżentata fil-Qorti tal-Kummerċ li fiha kiteb illi; billi bejn il-kontendenti ġie ffirmat konvenju għall-bejgħ lill-attur tal-fond *'Ray's Ironmongery', Victory Street*, Qormi, versu l-prezz u taħt il-kondizzjonijiet indikati fl-istess konvenju – *Dokument A*; *billi fl-okkażjoni ta'* l-iffirmar ta' l-istess konvenju l-attur xtara mingħand il-konvenut kwantità ta' *stock* eżistenti fil-fond fuq imsemmi bil-prezz komplessiv ta' tmienja u għoxrin elf u tliet mitt lira maltija (Lm28,300), mil-liema prezz is-somma ta' sebat elef u ħames mitt lira maltija (Lm7,500) kellha titħallas lill-kredituri ta' l-istess konvenut filwaqt li l-bilanċ għandu jitħallas skond kif miftiehem bejn il-kontendenti; billi immedjatament kif intlaħaq il-ftehim fuq imsemmi l-konvenut ikkonsenja ċ-ċwievet tal-fond oġġett tal-vendita lill-attur li min-naħa tiegħu immedjatament beda jiġġestixxi l-imsemmi ħanut f'ismu proprju u fil-11 ta' April, 1988, iċ-ċwievet kollha tal-ħanut ġew ikkonsenjati lill-attur b'mod li l-pussess assolut tal-ħanut fuq imsemmi ġie f'idejn l-attur; billi l-attur ħallas lill-konvenut akkont tal-prezz ta' l-*istock* is-somma ta' elf lira maltija (Lm1000) filwaqt li ħallas ukoll is-somma ta' elfejn u ħames mitt lira maltija (Lm2500) lill-kredituri ta' l-istess konvenut u dana mill-bejgħ ta' l-*istock* fuq imsemmi; billi fid-19 ta' Mejju, 1988, il-konvenut talab lill-attur il-permess sabiex jagħmel katnazz ieħor fl-aċċess tal-ħanut u l-attur aċċetta bil-patt u kondizzjoni li l-istess konvenut jattendi kull fil-għodu biex ikun jista' jinfetaħ il-ħanut u fil-fatt hekk kien qiegħed isir; billi fit-23 ta' Mejju, 1988, kuntrarjament għall-ftehim milħuq, il-konvenut abbusivament u kontra l-volontà ta' l-istess attur naqas

li jattendi fil-ħanut sabiex jiftaħ il-katnazz u għalhekk l-attur ġie li ma setax jaċċedi fil-ħanut skond kif miftiehem u għalhekk ġie kommess spoll kontra tiegħu; talab għalhekk l-attur li:

1) Jiġi ddikjarat u deċiż minn dik l-Onorabbli Qorti li l-istess konvenut ikkommetta spoll għad-dannu ta' l-attur u dana billi impedieh milli jidħol, kif fil-fatt kellu dritt, fil-ħanut *"Ray's Ironmongery", Victory Street,* Qormi;

2) Jiġi kkundannat li fi żmien qasir u perentorju jirripristina lill-attur fil-pussess ta' l-imsemmi ħanut u dana billi jiġi kkundannat jiftaħ il-katnazz skond kif miftiehem bejn il-kontendenti;

3) Fin-nuqqas l-attur jiġi awtorizzat jagħmel huwa stess dak kollu meħtieġ sabiex jerġa' jieħu l-pussess ta' l-imsemmi ħanut u dana okkorrendo taħt id-direzzjoni tal-Perit li jiġi maħtur appositament;

Bl-ispejjeż u b'riserva ta' kull azzjoni għad-danni spettanti lill-attur, kontra l-konvenut li hu minn issa stess inġunt għas-subizzjoni;

L-eċċezzjonijiet tal-konvenut kontra dak kienu:

1) Illi l-attur qatt ma kellu l-pussess legali tan-negozju in kwistjoni; 2) illi l-*istock* fil-ħanut in kwistjoni għadu esklussivament proprjetà ta' l-esponenti billi kull ma hemm huwa "konvenju" u l-kuntratt ta' bejgħ għadu ma sarx u hemm raġunijiet gravi għala ma jistax isir. Illi għalhekk ma hemm ebda raġuni għala l-attur għandu jkollu aċċess liberu għall-merkanzija li tiswa eluf ta' liri u li hija ta' proprjetà ta' l-esponenti u 3) illi

l-konvenju in kwistjoni li fuqu qiegħed jibbażata t-titolu tiegħu l-attur huwa wieħed minn tliet konvenji li saru flimkien u li fihom kollox huma simulat; it-titolu, il-prezz, il-kawża u l-konsiderazzjoni. L-attur ma jistax jakkampa ebda pretensjoni ta' dritt ibbażata fuq frodi l-aktar manifesta, u finalment eċċezzjoni ulterjuri fis-sens; 4) illi m'hemmx spoll meta l-konvenut jonqos li jiftaħ katnazz li ġie mqiegħed bi ftehim bejn il-partijiet. F'dan il-każ hemm azzjoni *"ex contractu"* u mhux *"ex delictu"*;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fis-26 ta' Lulju, 1988, lil biha filwaqt li ċaħdet l-ewwel u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut iddikjarat li t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tiegħu m'humiex proponibbili u għalhekk huma rritwali f'dan il-ġudizzju, laqgħet it-talbiet attriċi u ordnat lill-konvenut biex fi żmien jumejn mis-sentenza jagħmel dak kollu li hemm bżonn biex jirreintegra l-attur fil-pussess tal-ħanut u l-avvjament tiegħu magħruf bħala *Ray's Ironmongery* fi Triq il-Vitorja, Ħal-Qormi, u fin-nuqqas awtorizzat lill-attur biex fil-preżenza tal-Perit Arkitett Albert Fenech jagħmel dak li hu strettament neċessarju biex jaċċedi u jidħol fl-istess ħanut, bl-anqas ħsara possibbli u fil-preżenza tal-konvenut jekk dan irid ikun preżenti. L-istess perit għandu l-fakoltà li jitlob l-assistenza tal-pulizija jekk b'xi mod ikun hemm opposizzjoni għall-esekuzzjoni ta' l-ordni tal-Qorti. L-istess Perit għandu jassikura li jekk il-konvenut ikun irid li jkollu katnazz – kif għandu – wara l-ftuħ furzat – huwa jingħata din il-fakoltà biex jiġi ppreżentat l-*'istatus quo ante'*, spejjeż għall-konvenut, u dana wara li kkunsidrat illi:

L-attur jippretendi li huwa ġie spoljat bl-ommissjoni tal-konvenut li jiftaħ il-katnazz tiegħu, ċjoè tal-konvenut, u b'hekk l-attur jiġi li ma jistax jaċċedi fil-ħanut *Ray's Ironmongery* fi

Triq il-Vittorja, Ħal-Qormi, waqt li l-konvenut, fir-raba' eċċezzjoni tiegħu jgħid illi dan il-fatt ta' *ommissjoni* ma jikkostitwix spoll;

L-ewwel konsiderazzjoni trid tingħata għall-fatti li minnhom twieldet il-kawża;

B'riżultat ta' diversi trattativi, negozji, konvenji u ftehim – finalment bħal stat ta' fatt ġie stabbilit illi l-attur jieħu l-pussess u l-ġestjoni tal-ħanut *Ray's Ironmongery,* fi Triq il-Vittorja, Qormi, b'dan però, illi l-bieb tal-ħanut kellu kull fil-għodu – jinfetaħ billi l-partijiet imorru t-tnejn fuq il-post biex l-attur jiftaħ permezz ta' serratura u l-konvenut jiftaħ permezz ta' katnazz;

Minn dan l-arranġament il-Qorti ma tistax ma tiddeduċix illi effettivament l-attur kellu l-pussess u l-ġestjoni tal-ħanut. L-attur żamm iċ-ċavetta ta' katnazz biex ikun jista' jara l-moviment tal-merkanzija għal u mill-ħanut kif jidher mix-xiehda tiegħu tat-12 ta' Lulju, 1988. Ma jidhirx b'daqshekk però illi l-attur jista' jingħad li kellu l-ko-pussess tal-ħanut għalkemm – anki kieku kien ko-possessur dan il-fatt ma jagħmilx differenza fl-apprezzament tal-fattispecie tal-kawża, għaliex anki ko-proprjetarji, ko-possessuri u ko-detenturi jistgħu jimmolestaw lill-ko-proprjetarji, ko-possessuri u ko-detenturi bħalhom fit-tgawdija u l-użu ta' l-istess beni li fihom ikunu qegħdin jippartecipaw. Ċertament però l-attur żgur li ma jistax jippretendi li huwa kien qed jippartecipa fil-ġestjoni tal-ħanut jew fl-avvjament tiegħu;

Għalhekk, l-ommissjoni tal-konvenut li ma jiftaħx il-ħanut ċaħdet lill-attur mill-aċċess għall-ħwejjeġ li huwa kien jippossjedi – il-ħanut u l-avvjament tiegħu u kif tgħid il-liġi l-attur ġie

effettivament b'daqshekk "imneżża' mill-pussess...tal-ħaġa mobbli" – l-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili;

Il-Qorti – skond l-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, hija obbligata li f'din il-kawża – teżamina biss (a) il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u b) il-fatt ta' l-ispoll, u konsegwentement huwa l-ewwel u r-raba' eċċezzjonijiet biss li għandhom jiġu eżaminati; u t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut huma rimandati għall-eżami tal-Qorti fil-kawża fuq il-mertu kollha tar-relazzjonijiet li nħolqu bejn il-kontendenti, liema kawża diġà ġiet proposta u diġà ġiet appuntata minn din il-Qorti;

L-espost ta' hawn fuq jiddisponi mill-oġġezzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni u jibqa' biss dak li hemm espost fir-raba' eċċezzjoni;

*Il-Qorti ma taqbilx illi l-att ta' ommissjoni ma jikkwalifikax* bħala att li jikkostitwixxi spoll. L-aspett posittiv jew negattiv ta' l-istess realtà ġuridika ma jbiddel xejn mis-sustanza ġuridika tas-sitwazzjoni. Fil-kamp kollu tad-drittijiet u obbligazzjonijiet ċivili infatti – ilkoll kemm aħna obbligati li nirrispettaw id-drittijiet ta' l-oħrajn – billi jew nagħmlu jew ma nagħmlux ċerti atti u difatti d-drittijiet ta' l-oħrajn proprju jikkonsistu fil-fakoltà li għandhom li jesiġu mingħandna li nagħmlu jew ma nagħmlux proprju dawk *l-atti li jikkostitwixxu l-obbligazzjonijiet tagħna*. F'dan il-kuntest, għall-kjarezza tas-sitwazzjoni ġuridika, wieħed jista' jifformola d-domanda – kellu l-konvenut id-dritt li ma jsegwix l-obbligu tiegħu li jiftaħ il-katnazz biex l-attur igawdi l-pussess tal-ħanut u l-avvjament tiegħu? Biex ikollu dan id-dritt dan irid jirriżulta jew mill-ftehim espress bejn il-kontendenti jew bħala riżultat tal-kondizzjoni taċita – *INADEMPLENDI NON EST ADEMPLENDUM.*

Il-konvenut m'huwiex qed jallega – lanqas remotament li kien hemm xi ftehim espress f'dan is-sens u l-ġustifikazzjoni tiegħu għall-ommissjoni mill-obbligu preċiż tiegħu jirripoża proprju fuq it-tieni alternattiva;

Issa fl-azzjonijiet ta' spoll – waqt li l-ewwel alternattiva tinċidi direttament fuq dawk il-kwistjonijiet ta' **fatt** – bħal ma huwa ftehim espress – li jifformaw parti integrali mill-azzjoni *u li l-Qorti* hija obbligata li tinvesti – waqt li fil-każ tat-tieni ipotesi din hija konsegwenza ġuridika li wasal għaliha l-konvenut **unilateralment** u sakemm ma tiġix aċċettata mill-parti l-oħra jew stabbilita mill-Qorti – ma tikkostitwixxix "fatt" li jista' jiġi investit f'azzjoni ta' spoll. U difatti jidher ċar, f'dan il-każ, il-konvenut effettivament ħa l-liġi b'idejh" u la stenna l-aċċettazzjoni ta' l-attur u wisq anqas l-approvazzjoni tal-Qorti;

*Għall*-bq*ija – il-Qorti – kull ma tħoss li għandha żżid* rigward l-omissjoni ta' xi obbligazzjoni pparagunata mal-kommissjoni ta' xi att kontra obbligazzjoni – ċjoè nuqqas ta' ommissjoni obbligata – hija din ir-riflessjoni. L-ommissjoni ta' obbligazzjoni hija ġuridikament aktar insidjożament vjolenta mill-*punto di vista* tad-dritt; u dan għar-raġuni li waqt li l-att ta' kummissjoni vjolenti li jimplika l-użu brutali tal-forza huwa daqstant pależi u manifest li huwa kontra l-liġi li ma joħloq ebda perikolu veru *għad-dominju ta' l-istess dritt offiż l-ieħor* – l-att ta' ommissjoni ta' min għandu l-obbligu – dover, huwa ħafna aktar perikoluż għall-istat ta' dritt għaliex min għandu dak id-dover – obbligu, **jidher** li huwa investit b'xi poter li jirrisjedi fil-volontà jew kapaċità tiegħu u allura meta huwa jammetti li jesegwixxi d-dover tiegħu jista' superfiċjalment, u għall-ġeneralità ta' ċittadinanza ċivili, jidher li qed jagħmel użu minn fakoltà li leġittimament għandu li jagħmel jew ma jagħmilx,

dak li fil-fatt huwa marbut li jagħmel daqs – jekk mhux aktar – dak li huwa obbligat li ma jagħmilx, użu mill-forza. U f'dan l-apparenza ta' fakoltà li tammetti jew tikkometti qiegħda l-insidja – li pproġettata fid-dritt pubbliku – tillustra aħjar u manifestament dak li jiġri fid-dritt privat – bħal f'dan il-każ;

Finalment f'għajnejn il-Qorti l-azzjoni ta' spoll hija waħda mill-azzjonijiet primarji fl-ordinament ġuridiku malti fejn jiġu asseriti u implimentati żewġ prinċipji kardinali – li r-regolamentazzjoni ta' relazzjonijiet bejn iċ-ċittadini qiegħda f'idejn il-liġijiet u mhux f'idejn l-arbitriju privat u li r-rimedju għal min jiġi turbat mill-użu ta' dak l-arbitriju qiegħed hemm u jrid ikun tempestiv biex ikun effiċjenti;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fil-21 ta' Lulju, 1988;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut li biha talab li din il-Qorti jogħġobha (1) tannulla s-sentenza appellata jew alternattivament (2) tirrevokaha, billi prevja l-akkoljiment tat-talbiet ikkontenuti fil-verbal tat-12 ta' Lulju, 1988 u ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu tiċħad it-talbiet kollha ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant qiegħed jissottometti fl-ewwel lok li s-sentenza appellata hija nulla billi l-ewwel Qorti naqset li tagħti

provvediment fuq it-talba tiegħu verbalizzata fis-seduta tat-12 *ta' Lulju, 1988, u għaddiet biex tiddeċidi l-mertu qabel u* mingħajr ma ddeterminat dik it-talba;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Fil-mertu l-konvenut appellant qiegħed jissottometti li mill-verbal fuq imsemmi tat-12 ta' Lulju, 1988, *jirriżulta li l-katnazz* in kwistjoni tpoġġa bi ftehim bejn il-partijiet bi ftehim ukoll li kull fil-għodu l-konvenut appellant kellu jiftaħ il-katnazz. Għalhekk, ikompli jissottometti l-konvenut appellant, it-tqegħid tal-katnazz żgur ma kienx spoll għax sar bi ftehim bejn il-partijiet u n-nuqqas ta' ftuħ tal-katnazz huwa, *se mai*, ksur ta' ftehim li jagħti lok għall-azzjoni *ex contractu* imma qatt *ex delictu.* Skond il-konvenut appellant ma jistax ikun hemm spoll meta l-*actus reus* li jċaħħad il-pussess mhux att vjolenti imma biss inadempjenza kontrattwali;

Kif taraha l-Qorti, il-fatt li persuna tista' tavvanza pretensjoni għab-bażi ta' kuntratt jew ftehim, *ex contractu* ma jeskludix li dik il-persuna tista' teżerċita l-azzjoni ta' spoll;

Jekk il-vjolazzjoni li tkun saret tkun tammonta għall-ksur ta' kuntratt, tista' tiġi eżerċitata l-azzjoni *ex contractu;* imma jekk fl-istess ħin dik il-vjolazzjoni tkun tammonta wkoll għal spoll, ma hemm xejn fil-liġi li ma tkunx tista' tiġi eżerċitata l-azzjoni ta' spoll. Hekk per eżempju, jekk persuna li tgawdi servitù ta' passaġġ in virtù ta' kuntratt tiġi ostakolata fl-eżerċizzju ta' dik is-servitù ta' passaġġ, hija tkun tista' teżerċita l-azzjoni petitorja bbażata fuq dak il-kuntratt; iżda dik il-persuna tkun tista' wkoll

teżerċita l-azzjoni ta' spoll jekk ikunu jeżistu l-elementi ta' l-ispoll. L-eżistenza ta' rimedju *ex contractu* għalhekk ma jeskludix li jiġi eżerċitat ir-rimedju ta' l-ispoll, jekk javveraw ruħhom l-elementi ta' l-*actio spolii* u kwindi f'dan il-każ il-fatt li l-attur qiegħed jallega ksur ta' ftehim ma jeskludix id-dritt tiegħu li hu jeżerċita l-azzjoni ta' spoll jekk il-fatti jkunu juru li meta inkiser il-ftehim ikun sar spoll u li jeżistu r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi. U f'dan ir-rigward il-Qorti tista' tiċċita l-*Coen, Repertorio Generale di Giurisprudenza, Volume I,* paġna 911, para. 772: "*l'azione di reintegrazione è proponibile contemporaneamente a quella di rivendicazione quando questa è promessa da chi già abbia il possesso del fondo e di questo venga spogliato*". Kollox mela, fil-fehma tal-Qorti, jiddependi fuq jekk fiċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ jeżistux jew le l-elementi ta' l-azzjoni ta' l-ispoll;

Issa minn eżami tal-proċess il-Qorti m'għandha l-ebda eżistazzjoni illi tikkonkludi li fil-każ preżenti jeżistu dawn l-elementi. Biex jirnexxi fl-azzjoni "*de qua dicimus*", l-attur irid jipprova tliet affarijiet – (1) li huwa kien jippossjedi b'pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni f'dan il-każ il-ħanut in kwistjoni (2) li huwa ġie spoljat minnu u (3) li huwa mexxa 'l quddiem il-kawża fi żmien xahrejn mill-jum li sar l-att antiġuridiku allegat (Ara Prim'Awla Fenech *vs* Zammit, 12 ta' April, 1958, Onor. Imh. A.V. Camilleri (Koll. Dec. Vol. XLII.II.973);

Kwantu għall-ewwel rekwiżit mhux aċċettabbli s-sottomissjonijiet tal-konvenut appellant li l-attur qatt ma kellu l-pussess legali tan-negozju in kwistjoni u kwindi ma tistax tiġi eżerċitata l-azzjoni preżenti. Il-Liġi Maltija tikkuntenta f'materja

ta' reintegrazzjoni b'pussess kwalunkwe (Kollez. Dec. Vol. XXIV.I.658 u Vol. XXXIX.I.123, Appell Giuseppe Cassar *et vs* Paolo Cassar *et*, 11 ta' Marzu, 1955 *per* President Sir Luigi Camilleri, Imħallfin Montanaro Gauci u W. Harding). Kif ġie osservat ukoll minn din il-Qorti fil-kawża "Ersilia Zahra *vs* Aurelio Carabott, 2 ta' Diċembru, 1955 (Koll. Dec. Vol. XXXIX.I.315): "Hi disposizzjoni preċettiva tal-liġijiet proċedurali (art. 794(3), Kap. 15 Ediz. Riv.) illi fil-kawża ta' spoll il-Qorti għandha tillimita l-eżami tagħha għall-fatt tal-pussess u tad-detenzjoni bla ma tidħol fil-petitorju b'mod li ma jistgħux jiġu kkumulati l-possessorju u l-petitorju. Fil-ġudizzju possessorju jiġi ġġudikat biss il-"*just possessionis*" mhux il-"*jus possidendi*"....." Peress li l-pussess tutelat b'din l-azzjoni hu b'liġi, art. 573, Kap. 23 Ediz. Riv., il-pussess 'ta' liema xorta jkun', jiġi bħala konsegwenza li fl-azzjoni ta' reintegrazzjoni mhux leċitu li jiġi investigat ix-xorta tal-pussess ta' l-ispoljat, basta dan ikollu s-sempliċi pussess ta' fatt (Prim'Awla, Qorti Ċivili, Scicluna *vs* Zarb *et*, 15 ta' Jannar, 1874, Vol. VII p. 16; App. Ċiv. Casolani vs Grech, 13 ta' Frar, 1903, Vol. XVIII, *Parte* I p. 2 u App. Inf. Vella *vs* Vella, 29 ta' Lulju, 1950 Vol. XXXIV.I.425)";

Issa fil-każ in ispeċje, kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, ġie sodifaċentement ippruvat li l-attur għandu l-pussess ta' fatt tan-negozju in kwistjoni. Dan il-pussess jirriżulta mid-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur (fol. 3), mid-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess konvenut u b'mod partikolari mill-paragrafu 3 tagħha fejn jingħad li "l-attur li kellu aċċess temporanju għall-fond, kien qiegħed ibiegħ il-merkanzija kollha li hija ta' proprjetà ta' l-esponent", mid-deposizzjoni sussegwenti ta' l-istess konvenut fejn jgħid *inter alia:* "Jien bdejt niftaħ il-ħanut ma' l-attur regolarment....." u anke mill-verbal fuq imsemmi tat-12 ta'

Lulju, 1988 (fol. 19);

Kwantu għat-tieni rekwiżit fuq imsemmi, għandu jiġi osservat li l-liġi fl-art. 535(1) Kap. 16 tiddisponi li l-persuna tiġi spoljata bil-vjolenza **jew** bil-moħbi. Għalhekk meta jirrikorri element wieħed e.g. dak tal-vjolenza ma hemmx bżonn li l-ġudikant jokkupa ruħu minn element ieħor e.g. dak tal-klandestinità (Koll. Dec. Vol. XLV.I.19, Desira *vs* Lungaro, 20 ta' Jannar, 1961, President Sir Anthony Mamo u Imħallfin Montanaro Gauci u Gouder);

F'dan ir-rigward ġie deċiż mill-Qrati tagħna li biex jiġi sodisfatt l-element tal-vjolenza, ma hemmx bżonn il-"*vis atrox*", ċjoè xi vjolenza fiżika jew morali fuq il-persuna tal-pussessur (Kollez. Dec. Vol. XXXIX.I.315). L-ispoll vjolent jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li "*marte proprio*" isir kontra l-volontà tal-persuna spoljata. Mhux meħtieġ li jkun hemm il-privazzjoni totali tal-ħaġa imma biżżejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet jew ħsara lil min isofri l-ispoll. (Ara Kollez. Dec. Vol. XLV.II.1130, Prim'Awla, Caterina Vella *vs* Giovanni Vella, 4 ta' Novembru, 1957 *per* Onor. Imħ. Dr. Alberto Magri). Fil-każ preżenti l-att arbitarju tal-konvenut, li ppriva lill-attur mill-pussess li kellu, jirriżulta mid-deposizzjoni ta' l-istess konvenut (fol. 23 u 24) fejn qal "....allura jien iddeċidejt illi naqbad u nagħmel dak li ftehimt fuq il-verbal li għadna kif niżżilna fil-Qorti'' u mill-istess verbal;

Kwantu għall-eżistenza tat-tielet u l-aħħar rekwiżit, ma jidhirx li dan b'xi mod jista' jiġi kkontestat. Skond id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur l-ispoll sar fit-23 ta' Mejju, 1988 u l-azzjoni preżenti ġiet ippreżentata fil-25 ta' Mejju, 1988;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi: (1) tiċħad it-talba tal-konvenut appellant biex il-Qorti tannulla s-sentenza appellata u dana bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut appellant u (2) fil-mertu tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li t-terminu ta' jumejn hemm imsemmi jibda jgħaddi mil-lum. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu ssopportati mill-konvenut appellant.